MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1057/2005

**Borg Transportation Limited [C - 9485]**

**Vs**

**Noel Farrugia [ID. 94883(M)]**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf lira Maltin u zewg centezmi (Lm1,000.02c) rapprezentanti prezz ta' diesel mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta' attrici lill-konvenut li baqa' ma thallasx.

Nonostante illi gie nterpellat ihallas, il-konvenut baqa' nadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz tat-talba u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) mid-19 t’April, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut Noel Farrugia deher ghas-seduta tal-lum u ammetta t-talba attrici.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf lira Maltin u zewg centezmi (Lm1,000.02c) bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------